MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 316/2002/1

**Mario Ellul.**

**-vs-**

**Joseph Testa u b'digriet tas-26 ta' Mejju, 2004 gie kjamat fil-kawza Aaron Testa.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-20 ta' Marzu, 2002 li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi iben l-attur Yani kien involut f'incident awtomobilistiku mall-konvenut nhar it-13 ta' Settembru, 2001, f'Triq il-Pelikan, San Gwann.

Illi l-incident sehh unikament kawza tas-sewqan traskurat u negligenti da parti tal-konvenut meta huwa kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAU-201.

Illi l-attur sofra danni ngenti kbar fuq il-vettura tieghu tal-marka Alfa Romeo GTV bin-numru ta' registrazzjoni YAN-183 li kienet misjuqa minn ibnu kif gja fuq imsemmi tant, illi l-vettura giet ikkundannata bhala *write off*.

Illi ghalkemm debitament interpellat, anki ufficjalment permezz tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Frar, 2002, sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-incident stradali fuq imsemmi sehh unikament kawza tas-sewqan traskurat u negligenti da' parti tal-konvenut.

2. Tiddikjara illi l-konvenut ghandu jhallas id-danni kkawzati minnu fuq il-vettura tal-attur.

3. Tillikwida id-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur in linea ta' danni, l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez inkluz ta' l-ittra ufficjali datata Frar, 2002 u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijietipprezentat fil-25 ta' Novembru, 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara unikament tort ta' ien l-attur Yani li kien qed isuq il-vettura Alfa Romeo GTV, numru ta' registrazzjoni YAN-183, bi speed eccessiv u bla kontroll shih tal-vettura, bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku u minghajr ma kien qed izomm "a proper look-out";

2. Illi, subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-hsara li sofra l-attur fil-vettura tieghu tista' tissewwa u zgur ma tammontax ghal "*write off*".

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-kjamat in kawza illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara unikament tort ta' iben l-attur Yani li kien qed isuq il-vettura Alfa Romeo GTV, numru ta' registrazzjoni YAN-183, bi speed eccessiv u bla kontroll shih tal-vettura, bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku u minghajr ma kien qed izomm "a proper look-out";

2. Illi, subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-hsara li sofra l-attur fil-vettura tieghu tista' tissewwa u zgur ma tammontax ghal "*write-off*".

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Novembru, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-kjamat in kawza.

Rat l-atti processwali kollha.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher il-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-Artikolu 2153 tal-Kap. 12. Dan jghid li azzjonijiet ghal hsara mhux kagunati b'reati tkun preskritta wara sentejn. L-Artikolu 2137 jghid li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta l-azzjoni tkun setghet saret.

Il-fatti li taw lok ghall-mod kif imxiet u svolgiet din il-kawza kronologikament huma dawn. Il-kollizjoni grat fit-13 ta' Settembru, 2001. Gara li fir-*road accident report* tal-Pulizija gie ndikat li sid il-vettura LAU 201 kien Joseph Testa u s-sewwieq Joseph Testa ukoll izda kjarament mhux l-istess sid tal-vettura izda persuna ohra kif jidher mill-konnotati indikati fl-istess rapport. Allura l-attur harrek lil Joseph Testa; presumibilment is-sewwieq u mhux is-sid ghax ic-citazzjoni tindika illi l-konvenut kien qed isuq. Meta bdew jinstemghu l-provi rrizulta illi s-sewwieq ma kienx Joseph Testa izda Aaron Testa. Dan gara jew ghax Aaron Testa ta ismu hazin lill-ufficjal tal-Pulizija li nvestiga l-kaz, inkella l-istess ufficjal ha zball li l-istess konvenut u kjamat in kawza naqsu illi jikkoregu ghar-ragunijiet taghhom li jistghu jidhru ovvji. F'dan l-istadju allura, l-attur talab li Aaron Testa jigi kjamat fil-kawza u dan gie notifikat fit-8 ta' Lulju, 2004, meta allura kienu ghaddew iktar minn sentejn minn meta gara l-incident.

Fil-fehma tal-Qorti, ghalkemm hu car li l-perjodu preskrittiv kien ghadda, ghandhom jigu applikati zewg principji legali importanti – *ex turpi causa non oritur actio* u *contra non valentem agere non currit praescriptio*.

Jidher car li l-kjamat in kawza kkawza d-deskrizzjoni hazina ta’ ismu fir-*road accident report* u minhabba dan ma ghandux jinghata opportunita’ jipprevalixxi ruhu. Il-principju fuq imsemmi *ex turpi causa non oritur actio* japplika ukoll ghal eccezzjoni. L-attur ma setghax ikun jaf li l-isem indikat fir-rapport ma kienx korrett u jigi penalizzat. Il-preskrizzjoni hija istitut li wahda mill-iskopijiet taghha hija li tippunixxi t-traskuragni tal-kreditur u mhux sewwa li tintuza biex tippunixxi attur u allura persuna li qed tallega li hija kreditrici ghax gie ngannat minn xi azzjoni tal-konvenut – f’ dan il-kaz il-kjamat in kawza. Allura l-attur sakemm kien jaf min kien is-sewwieq tal-vettura illi habtet ma’ tieghu ma setghax jagixxi kontra dik il-persuna u allura l-perjodu preskrittiv beda ghaddej minn meta sar jaf dan fil-mori tal-kawza. Gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet Diego Attard et noe vs Angelo Fenech (Appell Kummercjali - 15 ta’ Frar, 1965 illi *l-impossibilita’ li wiehed jagixxi trid tkun impossibilita’ indipendenti mill-volonta’ tieghu, dovuta ghal kawza estranea li huwa ma setax jirrimwovi.* Certament wiehed ma jistghax jibbjasima lill-attur ghax hu l-azzjoni istitwiha kontra l-persuna ndikata fir-rapport tal-Pulizija. Ghalhekk il-principju tal-Artikolu 2137 li z-zmien preskrittiv jibda ghaddej minn meta l-azzjoni tista’ ssir timplika fil-fehma tal-Qorti li l-attur ma jigix imqarraq dwar l-isem tal-konvenut, kif gara f’dan il-kaz.

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza bl-ispejjes ta’ din l-istanza kontra tieghu u tordna t-tkomplija tal-kawza.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------